9 ta' Marzu, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Qorti *versus* Caterina Cachia

**Awtorità tal-Qorti — Disprezz — Notifika — Mara — "Timore Riverenziale" — Apoloġija — Art 996 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Min jirrifjuta li jirċievi n-notifika ta' att ġudizzjarju dirett għal ħadd ieħor, meta huwa obligat jaċċetta dik in-notifika skond il-liġi, jikkostitwixxi att ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti.*

*Jekk il-persuna li tirrifjuta n-notifika tkun mara miżżewġa, ma tkunx skuża għaliha r-raġuni illi hija rrifjutat dik in-notifika bl-ordni ta' żewġha; għaliex, ikun kemm ikun kbir il-biża' riverenzjali tal-mara lejn żewġha, dak il-biża' xejn ma jiswa quddiem l-ordnijiet leġittimi ta' l-uffiċjali tal-Qorti jew tal-Pulizija.*

*L-iskuża li jitlob min ikun ħati ta' dan id-disprezz tista' tiswa għall-mitigazzjoni tal-piena; imma l-ħtija tibqa' hemm.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-konvenuta ġiet imħarrka sabiex tgħid l-għaliex ma għandhiex tiġi dikjarata ħatja ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, u għalhekk kundannata għal xi waħda mill-pieni kontemplati fl-art. 996 tal-Proċedura Ċivili, jew għal kull piena oħra applikabili għall-

każ skond il-bżonn, talli hija, meta mar il-purtier Iro Vella biex jinnotifika lil Nazareno Cachia, li jiġi żewġha, bħala xhud fil-kawża "Neg. Francis J. Wismayer pr. et ne. vs. Neg. Joseph Falzon", irrifjutat li tirċievi l-ingunzjoni ta' l-imsemmi żewġha, *non ostanti* li l-imsemmi purtier fissrilha l-konsegwenzi li setgħet iġġib fuqha minħabba f'dan ir-rifjut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi deher, għas-soddisfazzjon tal-Qorti, illi fl-4 ta' Frar 1950, meta l-purtier ta' dawn il-Qrati, Iro Vella, mar biex *jinnotifika att tal-Qorti lil żewġ* il-konvenuta Nazareno Cachia, li dak il-ħin ma kienx id-dar, hu sab hemm il-konvenuta, u din............. irrifjutat li tieħu l-att għall-finijiet tan-notifika.............;

Illi ma hemmx bżonn jingħad li notifika ta' att ġudizzjarju tista' ssir jew personalment, meta l-persuna notifikanda tinstab, jew billi **l-kopja ta'** l-*iskrittura titħalla* f'idejn membru tal-familja jew tad-dar fid-dar fejn il-persuna notifikanda toqgħod (art. 186 Kap. 15), u li għalhekk il-purtier Vella kien ġustifikat fit-tieni okkażjoni li jinsisti li jħalli l-iskrittura f'idejn il-konvenuta fid-dar ta' żewġha;

Illi l-egħmil tal-konvenuta, li forsi seta' jkun talvolta kompatut qabel ma ġew lilha mogħtija l-ispjegazzjonijiet *fuq imsemmija*, ma jistax isib ebda ġustifikazzjoni wara li hija ġiet infurmata u mwissija kemm il-darba mill-purtier u l-kuntistabbli;

Illi l-fatt li żewġha kien ordnalha li ma tieħux attijiet tal-Qorti lanqas jista' jiskużaha wara li ġiet infurmata u ammonita; għaliex anki nies *tal-levatura soċjali* tal-konvenuta, kbir kemm ikun kbir il-biża' tagħhom riverenzjali lejn żwieġhom, jafu tajjeb li ebda ordni simili ma jiswa quddiem l-ordnijiet leġittimi ta' l-uffiċjali tal-Qorti jew tal-Pulizija;

Illi l-att tal-konvenuta jikkostitwixxi dik il-forma ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti li tissejjaħ "obstruction of the process *of the Court". Ma hemmx bżonn li wieħed jirrileva* kemm hu impellenti l-bżonn li l-uffiċjali tal-Qorti, li jmorru biex jeżegwixxu l-ordnijiet ta' l-awtorità ġudizzjarja, jiġu adegwatament protetti. Kien ikun perikolu kbir għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u fl-istess ħin inġustizzja għalihom,

kieku dawn l-uffiċjali, li spiss jinstabu f'postijiet diżabitati fil-kampanja fl-eżekuzzjoni tad-doveri delikati, u forsi anki perikolużi, tagħhom, jitħallew bla protezzjoni ta' l-Awtorità li għan-nom tagħha jkunu qegħdin jagixxu;

Intqal sew fil-kawża R. v. Almon (1765) Wilm. 243:— "A Court of Justice without power to vindicate its own dignity, to enforce obedience to its mandates, to protect its officers, or to shield those who are entrusted to its care, would be an anomaly which could not be permitted to exist in any civilised community". Hemm bżonn li kulħadd jifhem tajjeb li biex jinżamm il-bwon ordni fis-soċjetà, kontra l-liġi ħadd ma jista' jmur. Qal a propożitu Chief Justice Erle, Ex parte Fernandez, 1861, 30 L.J.C.P. 321, p. 332:— "There are many ways of obstructing the Court.............. These powers are given to the Judges to keep the course of justice free; powers of great importance to society, for by the exercise of them law and order prevail; those who are interested in wrong are shown that the law is irresistible. It is this obstruction which is called in law contempt, and it has nothing to do with the personal feelings of the Judge; and no Judge would allow his personal feelings to have any weight in the matter..............";

Illi l-konvenuta talbet skuża. Din l-iskuża tista' timmitiga biss il-ħtija tagħha, in kwantu li hija "submits herself to the Court and does all in her power to clear her contempt" (ara "Il-Qorti vs. Darmanin", 16 ta' Jannar 1937, Qorti Kriminali). Iżda l-ħtija tibqa'; għaliex l-att tal-konvenuta, wara li kienet imwissija, kien serju u deliberat (ara Oswald, On Contempt, page 8);

Illi għalhekk il-Qorti, wara li rat l-art. 996 tal-Kap. 15, tiddikjara lill-imsemmija Cachia ħatja ta' disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti għar-raġunijiet fuq indikati; u tikkundannaha għall-piena tal-multa ta' £12, titħallas żmien għoxrin ġurnata mil-lum. F'każ ta' nuqqas ta' ħlas fit-terminu fuq imsemmi, il-multa tiġi konvertita (art. 1001 Kap. 15 u art. 13 (3) u art. 16 (tielet proviso) Kap. 12), fil-priġunerija għal żmien jumejn.